MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 42/2005

Kawza fil-lista: 31

**A B**
**vs**
**C B nee' D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta li fit-22 ta' Ottubru 2000 huwa kkuntratta zwieg mal-konvenuta fil-knisja parrokjali tan-Naxxar u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Illi meta zzewwget lill-attur il-konvenuta kienet qarrqet bih fit-termini tal-paragrafi [a] u [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 peress li c-cirkostanzi familjari taghha u l-ambjent fejn kienet tghix gewwa l-Qawra fid-dar ta' ommha ma kienx konducenti biex hija tkun kuntenta u ghalhekk f' mument ta' premeditazzjoni ddecidiet billi qarrqet bl-attur halli dan jinghaqad fiz-zwieg

maghha. Illi l-konvenuta ma kellha l-ebda intenzjoni li tonera l-ingredjenti ta' zwieg validu, fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat ; u 'l-bazi taghha kien li tfittex titlaq mir-residenza tal-familjari taghha biex imbaghad tkun tista tghix hajjitha'. Illi hija kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-dmirijiet u d-drittijiet tal-hajja matrimonjali kif ukoll kellha anomalija psikologika serja li kienet irrendiet impossibbli li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan fit-termini tal-paragrafu [f]. Ghaldaqstant l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet ; bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni ;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-eccipjenti taqbel li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Ottubru 2000 huwa null u bla effett fil-Ligi.

2. Illi pero' dan iz-zwieg m' huwiex null minhabba ragunijiet imputabbli esklussivament lill-eccipjenti, izda minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg kontendenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

3. Illi ghal dan il-ghan l-eccipjenti taghmel riferenza ghall-kawza pprezentata quddiem din l-Onor. Qorti fit-18 ta' Frar, 2005 (Citaz Numru 46/05 RCP), fl-ismijiet : C B vs A B, li permezz taghha hija wkoll qed titlob li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi u dan minhabba htija da parti taz-zewg partijiet.

4. Illi kif ser jirrizulta wkoll waqt it-trattazzjoni tal-kaz, l-eccipjenti ma rrekat l-bda danni lill-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-22 ta’ Ottubru 2000 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][c][d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta tghid li ghan-nullita’ taz-zwieg jahtu z-zewg partijiet, u dan fit-termini tal-paragrafi [d][f][g] u [h] ta’ l-istess artikolu skond kif jirrizulta mic-citazzjoni numru 46/05 fl-ismijiet inversi u li titratta l-istess mertu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-22 ta’ Ottubru 2000 meta allura l-attur kellu 33 sena u l-konvenuta 22 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa erba’ [4] snin. Jirrizulta car li l-konvenuta kellha problemi serji u reali fid-dar fejn kienet qeda tghix ma’ ommha u l-partner t’ ommha, tant li meta l-partijiet xtraw il-post qabel iz-zwieg hija marret toqghod fih mill-ewwel, qabel iz-zwieg. Il-konvenuta spjegat li meta l-attur ippropona li jizzewwgu hija accettat mhux ghax verament riedet li tizzewweg f’ dak iz-zmien izda “inkwiet ma’ A ma ridtx ghax kont komda kif kont qed nghix”[1]. Fl-affidavit taghha tghid: “Illum il-gurnata nistqarr li jiena zzewwigt lil A peress li kelli pressjoni minn naha tieghu, u <u>fuq kollox ghalkemm ma ridtx nizzewwgu</u> ma ridtx niggieled mieghu. Kieku ggilidt mieghu dak iz-zmien kont nispicca mmur nghix lura fl-infern li kont fih qabel”[2] - u dan fl-isfond tal-pressjoni u ndhil minn naha ta’ omm l-attur.

Wara ftit zmien ta’ zwieg ir-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet tihzien bir-rizultat li l-konvenuta dahlet jghix maghhom fid-dar matrimonjali terza persuna[3] u, filwaqt li dan ir-ragel kien jorqod mal-konvenut fis-sodda matrimonjali, l-attur kien jorqod wahdu f’ kamra ohra. Dan il-*modus vivendi* wassal sabiex wara circa tlett snin il-partijiet isseparaw de facto. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

---

[1] Fol.30
[2] Cit.46/05 – fol.9 – sottolinear tal-Qorti
[3] Identifikata f’ isimha miz-zewg partijiet

Illi din il-Qorti wara li ezaminat il-provi u semghet lill-partijiet jiddeponu hija tal-fehma li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront tal-konvenuta l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat. Jigi osservat li, ghalkemm il-konvenuta ma rieditx tizzewweg lill-attur f' dak iz-zmien, hija xorta wahda accettat mhux ghax verament riediet tghix il-hajja mizzewwga mieghu imma ghax kienet komda f' dik is-sitwazzjoni, u xejn aktar. Ghalkemm hija esternament ghaddiet minn ceremonja ta' zwieg, ghax hekk kien jaqbel lilha u ghal xejn aktar, hija internament eskludiet b' att posittiv tal-volonta' taghha dmirijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali, u principalment l-obbligazzjoni tal-konvivenza bazata fuq ir-rispett u l-benessere reciproku. Dan jirrizulta car, ghax wara ftit zmien ta' zwieg hija dahhlet f' relazzjoni extra matrimonjali ma' terza persuna, u ma ddejqet xejn li ddahhal lill-istess fid-dar matrimonjali nonostante l-opposizzjoni espressa u manifesta da parti ta' l-attur.

Illi in kwantu ghal dak sottomess mill-konvenuta fic-citazzjoni 46/05 fis-sens li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f][g] u [h] fil-konfront taz-zewg partijiet, il-Qorti tosserva li l-ebda wiehed minn dawn il-*capita nullitatis* ma jikkonfigura fil-konfront ta' l-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi milqugha in bazi ghal artikolu 19[1][f] tal-Kap.255 da parti tal-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Ottubru 2000. L-ispejjez a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------